



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 203/23

Il-Lussemburgu, 21 ta' Diċembru 2023

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-333/21 | European Superleague Company

Ir-regoli tal-FIFA u tal-UEFA dwar l-awtorizzazzjoni minn qabel tal-kompetizzjonijiet tal-futbol bejn il-klabbs, b'has-Superleague, jiksru d-dritt tal-Unjoni

Fil-fatt, dawn imorru kontra d-dritt tal-kompetizzjoni u l-libertà li jiġu pprovduti servizzi

Ir-regoli tal-Fédération internationale de football association (FIFA) u tal-Union des associations européennes de football (UEFA) li jissuġġettaw għall-awtorizzazzjoni minn qabel tagħhom il-ħolqien ta' proġett ta' kompetizzjoni għal tal-futbol bejn il-klabbs, b'has-Superleague, u li jipprojbixxu lill-klabbs u lill-plejers milli jipparteċipaw fih, taħt piena ta' sanzjonijiet, huma illegali. Fil-fatt, is-setgħat tal-FIFA u tal-UEFA ma huma limitati minn ebda kriterju li jiżgura n-natura trasparenti, oġġettiva, nondiskriminatorja u proporzjonata tagħhom.

Bl-istess mod, ir-regoli li jagħtu lill-FIFA u lill-UEFA kontroll esklużiv fuq l-isfruttament kummerċjali tad-drittijiet marbuta ma' dawn il-kompetizzjonijiet huma ta' natura li jirrestrinġu l-kompetizzjoni, fid-dawl tal-importanza ta' dawn tal-aħħar għall-midja, għall-konsumaturi u għat-telespettaturi fl-Unjoni Ewropea.

Il-FIFA u l-UEFA huma assoċjazzjonijiet irregolati mid-dritt privat li għandhom is-sede tagħhom fl-Isvizzera. Huma għandhom bħala għan li jippromwovu u li jirregolaw il-futbol fuq livell dinji u Ewropew. Huma adottaw regoli li jagħtuhom is-setgħa li jawtorizzaw il-kompetizzjonijiet tal-futbol bejn il-klabbs fl-Ewropa u li jisfruttaw id-diversi drittijiet tal-midja korrispondenti.

Tnax-il klabb tal-futbol Ewropew ¹, xtaqu jimplimentaw, permezz tal-kumpannija Spanjola **European Superleague Company**, proġett ta' kompetizzjoni għal tal-futbol: is-Superleague.

Il-FIFA u l-UEFA opponew dan il-proġett. Bdiet it-theddida ta' sanzjonijiet għall-klabbs u għall-plejers li jiddeċiedu li jipparteċipaw fiha.

European Superleague Company ressqet kawża quddiem il-Qorti Kummerċjali ta' Madrid (Spanja) kontra l-FIFA u l-UEFA, peress li qieset li r-regoli tagħhom dwar l-awtorizzazzjoni tal-kompetizzjonijiet u dwar l-isfruttament tad-drittijiet tal-midja kienu jiksru d-dritt tal-Unjoni. Peress li l-qorti Spanjola kellha dubji dwar dan fir-rigward, b'mod partikolari, tal-fatt li l-FIFA u l-UEFA jinsabu f'sitwazzjoni ta' monopolju f'dan is-suq, hija għamlet domandi lill-Qorti tal-Ġustizzja.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li **l-organizzazzjoni tal-kompetizzjonijiet tal-futbol bejn il-klabbs u l-isfruttament tad-drittijiet tal-midja huma**, evidentement, **attivitajiet ekonomiċi**. Huma **għandhom għalhekk josservaw ir-regoli tal-kompetizzjoni kif ukoll il-libertajiet ta' moviment**, anki jekk l-eżerċizzju ekonomiku tal-isport ikun ikkaratterizzat minn ċerti karatteristiċi speċifiċi, bħall-eżistenza ta' assoċjazzjonijiet li jkollhom setgħat regolatorji, ta' kontroll u ta' sanzjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata wkoll li, b'mod parallel ma' dawn is-setgħat, il-

FIFA u l-UEFA jorganizzaw huma stess kompetizzjonijiet tal-futbol.

Sussegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li, meta kumpannija f'pożizzjoni dominanti jkollha **s-setgħa li tiddetermina l-kundizzjonijiet li fihom impriżi potenzjalment kompetituri jistgħu jidħlu fis-suq**, din is-setgħa għandha, fid-dawl tar-riskju ta' kunflitt ta' interessi li hija tiġġenera, **tkun irregolata minn kriterji xierqa sabiex tiġi żgurata n-natura trasparenti, oġġettiva, nondiskriminatorja u proporzjonata tagħhom**. Issa, **is-setgħat tal-FIFA u tal-UEFA ma huma limitati minn ebda kriterju ta' din in-natura**. Għalhekk, **il-FIFA u l-UEFA jinsabu f'sitwazzjoni ta' abbuż minn pożizzjoni dominanti**.

Bl-istess mod, ir-regoli ta' awtorizzazzjoni, ta' kontroll u ta' sanzjoni tagħhom għandhom jiġu kklassifikati, fid-dawl tan-natura arbitrarja tagħhom, bħala restrizzjoni mhux iġġustifikata għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi.

Madankollu, kompetizzjoni bħall-**proġett ta' Superleague** ma għandhiex neċessarjament tiġi awtorizzata. Fil-fatt, peress li **l-Qorti tal-Ġustizzja** ġiet mistoqsija, b'mod ġenerali, dwar ir-regoli tal-FIFA u tal-UEFA, hija **ma tiħux pożizzjoni, fis-sentenza tagħha, fuq dan il-proġett speċifiku**.

B'mod parallel, il-Qorti tal-Ġustizzja tirrileva li **r-regoli tal-FIFA u tal-UEFA relatati mal-isfruttament tad-drittijiet tal-midja huma ta' natura li jikkawżaw ħsara lill-klabbs tal-futbol Ewropej, lill-impriżi kollha li joperaw fis-swieq tal-midja u, fl-aħħar mill-aħħar, lill-konsumaturi u lit-tele spettaturi, billi jipprekluduhom milli jibbenefikaw minn kompetizzjonijiet ġodda potenzjalment innovattivi jew interessanti**. Minkejja dan, hija l-Qorti Kummerċjali ta' Madrid li għandha tivverifika jekk dawn ir-regoli jistgħux madankollu jibbenefikaw lid-diversi atturi tal-futbol, pereżempju billi jiżguraw ir-ridistribuzzjoni *in solidum* tad-dħul iġġenerat minn dawn id-drittijiet.

NOTA: Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qorti tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qorti nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ u, skont il-każ, is-sunt](#) tas-sentenza jinsabu fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355.

Ritratti tal-ġoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106.

Ibqgħu konnessi!



¹ Inizjalment, dawn kienu l-klabbs segwenti: fi Spanja, Club Atlético de Madrid, Fútbol Club Barcelona u Real Madrid Club de Fútbol; fl-Italja, Associazione Calcio Milan, Football Club Internazionale Milano u Juventus Football Club; fir-Renju Unit, Arsenal Football Club, Chelsea Football Club, Liverpool Football Club, Manchester City Football Club, Manchester United Football Club u Tottenham Hotspur Football Club.